# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Gerold Vassallo**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Gerold Vassallo**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 49086M li permezz tagħhom huwa ġie:

"Akkuzat talli fl-14 ta' April 2015 ghal habta ta' 8.30am u/hinijiet wara f'Rahal Gdid b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bil-hsieb li taghmel delitt urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt cioe' b'mezzi kontra 1-ligi, billi gharnilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel citwemmen 1-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ittentajt taghmel qliegh ta' 1165 Euros ghad-detriment ta' Jonathan Vella min H'Attard.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi iffalsifikajt cedula, po1za ordni jew dokumenci ohra propjeta ta' JonathanVella minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra illi meta jigi pprezentat wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku u aktar talli ghamilt uzu milli-istess dokument imsemmi.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ikkommetejt serq ta' BOV VISA CARD ghad detriment ta' Jonathan Vella minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra.

B'hekk irrendejt ruhek recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 ta1-kap tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tal-10 ta' Ġunju 2015, l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali tenut matul l-istess seduta l-imputat stqarr li minbarra li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Wara li spjegat bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u ċioe li din il-Qorti kienet tista' ssib lill-imputat ħati u li tinfliġġi fuqu wkoll il-piena ta' priġunerija skont il-Liġi, il-Qorti tatu żmien biżżejjed sabiex jekk irid jirtira l-ammissjoni tiegħu u dan anke wara li jkun ikkonsulta mal-Avukat tiegħu.

Wara li reġgħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputat reġa' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża.  Għalhekk din id-darba il-Qorti kienet qegħda tqis l-ammissjoni tiegħu bħala definittiva u finali.

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li għandha tiġi inflitta fejn qablu li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u jeħtieġ li jkun mgħejjun jegħleb l-istess vizzju.

Il-Qorti ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex kemm jista' jkun malajr iħejji rapport ta' qabel is-sentenza sabiex inter alia jiġi stabbilit jekk l-imputat jikkwalifikax għal xi programm residenzjali kontra l-abbuż mid-droga jew għal xi forma ta' trattament ieħor fir-rigward tal-allegat vizzju.

Sadattant il-Qorti qegħdet lill-imputat taħt ordni ta' trattament proviżorju ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Tabone Fabri dwar l-istat u l-kundizzjoni ta' ħajja tal-imputat u b'mod partikolari d-diffikultajiet li l-istess Uffiċjal tal-Probation sabet meta ġiet biex twettaq l-ordni ta' trattament provviżorju maħruġ minn din il-Qorti fil-konfront tal-imputat.

Din il-Qorti tqis li l-gravita tar-reat timmerita piena karċerarja li pero mhix ser tkun imposta fil-forma effettiva f'dan il-każ, sabiex il-Qorti tipprova tagħti ċans aħħari lil Gerold Vassallo jaqbad it-triq it-tajba u ma jibdiex karriera dieħel u ħiereġ il-ħabs.

## ***Deċide :***

li għar-raġunijiet premessi, filwaqt li ssib lil **Gerold Vassallo** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu wara li rat l-Artikoli 17(b)(d), 18, 41(1)(a), 49, 50, 167, 169, 183, 308, 310(1)(b), 284, 285 u 289 tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah għall-perjodu ta' għoxrin (20) xahar priġunerija. Rat il-fedina penali tiegħu u r-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Tabone Fabri u wara li rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' tliet snin millum il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu skont l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tiegħu tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni t'Uffiċjal Sorveljanti għal perijodu ta' tliet millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħti lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa indikat li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li l-ħati jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li jidher affetwat minnhom inkluż l-

abbuż minn drogi u li qed iwasluh ukoll biex jiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin millum. Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Jonathan Vella qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-ħati skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha u dan għal perjodu ta' sena millum b'dan li l-ħati huwa projbit milli **b'kull mod** jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Jonathan Vella u l-familjari kollha tiegħu.

***Mogħtija illum id-29 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**(bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**29 ta' Diċembru 2015**

**PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Gerold Vassallo**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Gerold Vassallo** li joqgħod Skema 3, Blokk 1, Flat 7, Telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 49086(M) ġie misjub ħati kif

imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħati ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni, inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u nnutat li l-istess ħati wera li jrid jħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li l-ħati **Gerold Vassallo** jkun għal perjodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-Uffiċjal Sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħati tibqa' f'kuntatt mal-Uffiċjal Sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi Uffiċjal, u li javża lill-imsemmi Uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu;

3. Li jirċievi viżiti mill-Uffiċjal Sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess Uffiċjal Sorveljanti;

4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

5. Il-ħati għandu joqgħod għal dawk id-direttivi jew ordnijiet mogħtija lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti fir-rigward ta' kwalunkwe test jew analiżi li l-istess Uffiċjal iħoss li jkunu meħtieġa, inkluż testijiet tal-urina u testijiet oħra u kif ukoll li l-ħati għandu jsegwi u joqgħod għal dawk il-programmi jew trattamenti kontra l-abbuż tad-droga, inkluż programmi residenzjali kontra l-abbuż mid-droga, li l-istess Uffiċjal jista' jippreskrivi lill-ħati minn żmien għal żmien.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

……………………………………

(firma tal-persuna mqegħda taht superviżjoni)

……………………………………..

*Doris Serpina* **D./Registratur**

***Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**

(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**29 ta' Diċembru 2015**

**PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Gerold Vassallo**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Gerold Vassallo** li joqgħod Skema 3, Blokk 1, Flat 7, Telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 49086(M) ġie misjub ħati kif

imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, il-Qorti tista' twaħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-ħati wriet li jrid tħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħati **Gerold Vassallo** li joqgħod Skema 3, Blokk 1, Flat 7, Telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 49086(M) jitpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija :

1. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħati jagħraf jegħleb diffikultajiet priskoloġiċi u l-vizju mill-abbuż tad-droga li jidher maħkum minnhom u dan skont kif l-Uffiċjal Sorveljanti hawn taħt maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati u dan sabiex il-ħati jiġi analizzat u trattat għall-imġieba tiegħu.  B'mod partikolari l-ħati għandu joqgħod għal dawk id-direttivi jew ordnijiet mogħtija lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti fir-rigward ta' kwalunkwe test jew analiżi li l-istess Uffiċjal iħoss li jkunu meħtieġa,

inkluż testijiet tal-urina u testijiet oħra u kif ukoll li l-ħati għandu jsegwi u joqgħod għal dawk il-programmi jew trattamenti, inkluż programmi residenzjali kontra l-abbuż tad-droga li l-istess Uffiċjal jista' jippreskrivi lill-ħati minn żmien għal żmien.

2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut minnu u żżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

3. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

______________________________

**(firma tal-persuna mqiegħda taħt l-Ordni ta' Trattament)**

*Doris Serpina,* **Deputat Reġistratur**

***Aaron M. Bugeja,*** **Maġistrat**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**29 ta' Diċembru 2015**

**PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Gerold Vassallo**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t`Ordni ta' Protezzjoni kontra **Gerold Vassallo** li joqgħod Skema 3, Blokk 1, Flat 7, Telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 49086(M) taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali sabiex

tipprovdi għas-sigurta ta' Jonathan Vella u l-familjari tiegħu għal perjodu ta' tliet snin millum b'dan li l-ħati huwa projbit milli **b'kull mod** jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Jonathan Vella u l-familjari kollha tiegħu.

Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk tinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

______________________________

**(firma tal-persuna suġġetta għall-Ordni ta' Protezzjoni)**

*Doris Serpina*

**Deputat Reġistratur**

***Aaron M. Bugeja***

**Maġistrat**